# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 76

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ottubru, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**76/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**76/01/01** Ma kienx hemm.

**76/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 75**

**76/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**76/02/02** **Para 75/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-arloġġ tad-dawl tneħħa mill-kamra li tinsab biswit l-iskola. Barra minn hekk, il-permess ħareġ.

**76/02/03** **Para 75/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**76/02/04** **Para 75/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għandha ssir minn Infrastructure Malta.

**76/02/05** **Para 75/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn fuq il-fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.* Barra minn hekk, il-permess ħareġ.

**76/02/06** **Para 75/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie ffirmat il-kuntratt ta' *subleasing* tas-Searchlight Battery.

**76/02/07** **Para 75/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**76/02/08** **Para 75/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**76/02/09** **Para 75/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**76/02/10** **Para 75/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**76/02/11** **Para 75/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadu ma nħariġx il-permess sabiex l-bust ta' Guido Tanti jitpoġġa fi Ġnien il-Paċi.

**76/02/12** **Para 75/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approva l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann iżda dawn ħa jsiru wara x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**76/02/13** **Para 75/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li notice boards għadhom ma sarux.

**76/02/14** **Para 75/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**76/02/15** **Para 75/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi għandna bżonn 3 stimi.

**76/02/16** **Para 75/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Clean Up the World Campaign saret.

**76/02/17** **Para 75/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lid-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa).*

**76/02/18** **Para 75/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se jibgħat proposta minħabba talba ta' resident għal *culvert* quddiem garaxx fi Sqaq numru 1, Triq San Nikola.

**76/02/19** **Para 75/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għat-Triq tal-Ferħa (fil-wied).

**76/02/20** **Para 75/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Keep Clear* quddiem dar fi Triq San Nikola għad trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**76/02/21** **Para 75/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet korrispondenza mill-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**76/02/22** **Para 75/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tieħu parir minn Transport Malta fuq is-suġġeriment biex Triq San Ġwann (bejn l-ATM u Triq San Bartilmew) tiġi one-way waqt il-ħruġ ta' tfal mill-iskola.

**76/02/23** **Para 75/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal Triq Għaxqet l-Għajn qrib id-dar numru 2.

**76/02/24** **Para 75/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**76/02/25** **Para 75/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina għadhom ma ġewx approvata minn Enemalta plc.

**76/02/26** **Para 75/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ rubber wall guards għal Triq il-Ġdida għadhom ma sarux.

**76/02/27** **Para 75/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-zebra crossing.

**76/02/28** **Para 75/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* quddiem numru 64 fi Triq F. Zarb trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**76/02/29** **Para 75/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *site visit* fuq it-talba ta' residenta biex issir bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser.

**76/02/30** **Para 75/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bin ta' Triq E. Perren tpoġġa ħdejn l-ATM.

**76/02/31** **Para 75/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se ġġib stima għal CCTV camera oħra fuq barra ta' Ġnien il-Paċi.

**76/02/32** **Para 75/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel ġurnata tal-iskola kienet suċċess.

**76/02/33** **Para 75/05/20** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**76/02/34** **Para 75/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet stqarrija rigward PA 4897/23.

**76/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**76/03/01** Is-Sindku qalet li l-Ġnien ta' Żagħruna għandu bżonn jissaqqa iktar ta' spiss.

**76/03/02** Is-Sindku qalet li diġà bdew it-tħejjijiet għal *Christmas Market* li ħa jsir f'Diċembru.

**76/03/03** Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor stimi għal armar b'dawl dekorattiv għall-Milied 2023-2024. Kien hemm qbil unanimu.

**76/03/04** Is-Sindku ressqet li l-*stage* l-antik li hemm fejn il-ground ta' Xwieki jitneħħa. Kien hemm qbil unanimu.

**76/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**76/04/01** Ma kienx hemm.

**76/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**76/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 ta' Settembru 2023).

**76/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Ottubru 2023).

**76/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' Ottubru 2023).

**76/05/04** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta sabiex jitneħħa r-Reserved Parking Bay ta' Triq San Ġwann.

**76/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Ċir AKL 2023/088 – Espressjoni ta' interess miftuħa għall-kunsilli lokali.

**76/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Ċir AKL 2023/086 – President's Fun Run 2023.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**76/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joseph Bezzina – EV Charging Pillars Identified Sites – Għargħur.

**76/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Ċir AKL 2023/085 – Laqgħat Skemi ta' parkeġġi fil Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**76/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill–LGD – Approved Extension Beyond Retirement Age – Mr Alfred Cuschieri.

**76/05/10** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow lines* viċin ta' għalqa fi Triq in-Naxxar. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**76/05/11** Fuq it-talba għal tabella *no heavy vehicles* fi Triq San Nikola. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**76/05/12** Fuq it-talba għal *rubber hump* fi Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu.

**76/05/13** Fuq it-talba ta' residenta għal bank fuq blata fil-wied tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu.

**76/05/14** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa). Kien hemm qbil unanimu.

**76/05/15** Fuq it-talba ta' residenta għal *Communal Disabled Parking* fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**76/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal CCTV camera f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**76/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li x-Xwieki għandu jinżamm nadif u fi stat tajjeb. Kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk, xi drabi l-kenniesa mhux qed jikinsu ż-żewġ n-naħat ta' triq.

**76/05/18** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinżabru s-siġar u jinqata' l-ħaxix ta' Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil unanimu.

**76/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**76/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**76/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**76/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |